**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Appell numru: 75/2018**
**Wara sentenza tat-Tribunal Industrijali**
**datata 1 ta' Gunju, 2018**

**Lotta Malmberg (Passaport Nru. 820606193)**

**vs.**

**Fortis Limited (C72471)**

**Illum 12 ta' Dicembru, 2019**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell tas-socjeta' intimata Fortis Limited (C72471) minn decizjoni tat-Tribunal Industrijali datata 1 ta' Gunju, 2018 fejn gie deciz kif isegwi:

*'It-Tribunal jsib li ma kienx hemm raguni tajba u sufficjenti skont il-ligi ghat-tkeccija tar-rikorrenti.*

*Jiddeciedi li s-socjeta' ntimata ghandha thallas lir-rikorrenti kumpens fl-ammont ta' €10,000 (ghaxart'elef ewro), bl-imghaxijiet skont il-ligi mid-data ta' din id-decizjoni sal-pagament effettiv.'*

2. Illi d-decizjoni appellata ssegwi ilment tar-rikorrenti Lotta Malmberg quddiem it-Tribunal Industrijali fejn issottomettiet illi hija kienet giet ingaggata mas-socjeta' intimata fuq bazi 'full-time' bhala 'Sales Person' u dan ghal perijodu ndefinit b'sitt (6) xhur *probation* u li beda mill-4 ta' April, 2016 (ara kuntratt a fol. 6 sa fol. 12 tal-process quddiem it-Tribunal Industrijali). Ir-rikorrenti sostniet li fuq ix-xoghol kollox kien sejjer sew ghajr li kienet qieghda tigi ppressata sabiex tiffirma kuntratt ta' impieg gdid li kellu fih kundizzjonijiet inqas favorevoli fosthom inqas paga pero' persentagg ta' kommissjoni akbar. Ir-rikorrenti tghid li hija rrifjutat il-kuntratt il-gdid u kien nhar is-27 ta' Jannar, 2017 li rceviet *email* minghand certa Julia Littke li kienet tokkupa l-kariga ta' *office manager* fis-socjeta' intimata fejn infurmatha li l-impieg taghha kien qieghed jigi tterminat b'effett immedjat in segwitu ghall-ilment li kien ressaq klijent bl-isem ta' Fredrik permezz ta' *email* (ara *email* mibghuta minn Julia Littke – *office manager* a fol. 13 tal-process quddiem it-Tribunal Industrijali). Ir-rikorrenti sostniet li t-tkeccija taghha kienet wahda ngusta stante li ma kienet tissussisti l-ebda raguni valida fil-ligi u wkoll kienu jezistu l-elementi kollha ta' tkeccija ngusta u llegali. Ir-rikorrenti talbet ghalhekk li jigi dikjarat li r-raguni ghat-terminazzjoni tal-impjieg taghha ma kinitx raguni gusta u sufficjenti fil-ligi u ghalhekk talbet li t-Tribunal jakkorda kumpens xieraq skond il-ligi.

Fir-risposta taghha s-socjeta' intimata ssottomettiet illi l-allegazzjoni ta' tkeccija ngusta u llegali kienet infondata fil-fatt u fid-dritt u ghalhekk talbet li t-talbiet tar-rikorrenti jigu michuda. Is-socjeta' intimata ssottomettiet illi r-rikorrenti kienet tagixxi bhala *salesperson* u f'wahda mit-telefonati li hija kellha ma' klijent prospettiv minn gewwa l-Isvezja hija kienet agixxiet b'mod mhux professjonali partikolarment b'uzu ta' kliem mhux xieraq u offensiv fil-konfront tal-istess klijent bi ksur tal-kundizzjonijiet mposti fil-kuntatt ta' impieg taghha mas-socjeta' intimata u ghaldaqstant sostniet li r-raguni ghat-tkeccija moghtija permezz

tal-*email* tas-27 ta' Jannar, 2017 kienet wahda gusta u korretta u timmerita li tigi kkonfermata.

3. Illi t-Tribunal wasal ghad-decizjoni tieghu li t-talba tar-rikorrenti kellha tigi milqugha wara li ra d-deposizzjonijiet moghtija bil-procedura tal-affidavit kif ukoll wara li ra l-kontro-ezami tar-rikorrenti u d-dokumenti esebiti u wara li ghamel il-konsiderazzjonijiet segwenti:

*'Illi t-Tribunal ma jarax estremi ta' agir jew diskors offensiv fit-telefonata de quo, u jqis li l-kumpanija ghandha terfa' r-responsabilita' ghall-mod kif tkellmet ir-rikorrenti daqs kemm ghandha terfghu ir-rikorrenti. Il-kumpanija, wara kollox, tat l-istruzzjonijiet dwar lil min kellha tkellem ir-rikorrenti u huwa car li l-mod kif dawn l-istruzzjonijiet gew attwati jixhed nuqqas serju fit-tahrig tal-impjegata. Kien ikun ta' opinjoni differenti kieku rrizulta xi diskors offensiv, jew ta' xorta li juri agir malizzjuz mill-impjegata. F'dan il-kaz, it-Tribunal jemmen li tahrig iktar rigoruz kien iwassal biex jigu evitati incidenti simili.*

*Illi tenut kont dan kollu fil-kuntest tal-fatt illi s-socjeta' ntimata kienet, fix-xhur ta' qabel it-tkeccija, qed tinsisti sabiex tibdel il-kondizzjonijiet ta' mpieg tar-rikorrenti billi tnaqqsilha l-paga filwaqt illi r-rikorrenti zammet fermi l-pozizzjoni taghha u dejjem insistiet illi kellu jigi onorat il-kuntratt, tissahhah it-tezi tar-rikorrenti illi l-allegata imgieba hazina u offensiva taghha ma kienu xejn ghajr skuza sabiex twassal ghat-tkeccija taghha.*

*Ghalhekk it-Tribunal kellu jizen ic-cirkostanzi, jqis il-kredibbilita' tal-partijiet u jibbaza d-decizjoni tieghu fuq il-bazi ta' dak li probabbilment sehh.*

*Ta' hafna importanza lill-fatt li r-rikorrenti giet mkeccija sommarjament minghajr ma nghatat opportunita' xierqa biex tiddefendi ruhha – nuqqas serju min-naha tas-socjeta' ntimata li agixxiet fuq rapport ta' parti wahda u lanqas biss semghet il-verzjoni tal-parti l-ohra.*

*Flimkien mar-responsabbilita' tal-kumpanija, hemm livell ta' responsabbilita' tal-impjegata li pero' qatt ma kellu jwassal ghal tkeccija mill-impieg. Minhabba n-nuqqasijiet tal-impjegata, dan it-Tribunal ser jaghmel temperament tal-kumpens, fuq bazi ta' ekwita'.*

*It-Tribunal jsib li ma kienx hemm raguni tajba u sufficjenti skont il-ligi ghat-tkeccija tar-rikorrenti.'*

Konsegwentement it-Tribunal ghadda sabiex jilqa t-talbiet tar-rikorrenti kif gia suespost billi kkundanna lis-socjeta' intimata thallas l-ammont ta' ghaxart elef ewro (€10,000), bl-imghaxijiet skont il-ligi mid-data tad-decizjoni sal-pagament effettiv.

4. Rat illi s-socjeta' intimata appellat mis-sentenza tat-Tribunal u l-aggravju tal-appellanti fil-qosor jikkonsisti li d-decizjoni tat-Tribunal fil-likwidazzjoni tal-kumpens dovut mhux ibbazata fuq motivazzjoni adegwata jew skont il-ligi in kwantu t-Tribunal qabad u ffissa somma minghajr ma' qies dak kollu li jinghad fil-proviso tal-Artikolu 81 (2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-socjeta' appellanti ssostni li fil-likwidazzjoni tal-kumpens, it-Tribunal ma jsemmi l-ebda raguni jew kunsiderazzjoni ta' kif wasal ghall-likwidazzjoni tal-ammont ta' ghaxart elef ewro (€10,000). Is-socjeta' appellanti tissottometti li jidher li l-uniku kunsiderazzjoni li t-Tribunal ha kienet li kellu jkun hemm temperament fil-kumpens minhabba n-nuqqasijiet tal-appellata ghalkemm l-ebda indikazzjoni ma nghatat mit-Tribunal ta' kemm kien l-ammont qabel tali temperament. Dan ghalhekk jaghti x'jifhem li l-ammont gie likwidat *arbitrio boni viri* minghajr konsiderazzjoni jew referenza ghal proviso tal-Artikolu 81 (2) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Is-socjeta' appellanti tishaq ukoll li t-Tribunal ghamel kunsiderazzjoni zbaljata li tolqot il-likwidazzjoni tal-ammont meta kkonkluda li s-socjeta' appellanti ma cahditx l-allegazzjoni li l-kumpanija Akono u s-socjeta' intimata huma tal-istess azzjonisti. M'huwiex minnu li l-

allegazzjoni ma gietx michuda tant li meta giet kontro-ezaminata r-rikorrenti ntalbet sabiex tipprova tali allegazzjoni taghha. Fit-tielet lok gie sottomess *dato ma non concesso* li l-attivisti huma l-istess, il-kumpaniji huma zewgt persuni legali separati u distinti minn xulxin indipendentement mill-azzjonisti taghhom.

5. Rat illi l-appellata Lotta Malmberg fir-risposta taghha primarjament issottomettiet li d-decizjoni hija wahda ekwa u gusta u timmerita li tigi kkonfermata. L-appellata sahqet li meta t-Tribunal gie sabiex jillikwida l-ammont lilha dovut ha diversi fatturi u mhux wiehed kif allegat is-socjeta' appellanti b'dawn jigu elenkati bhala s-segwenti:

i. Illi l-appellata ttentat timxi mal-istruzzjonijiet moghtija mis-socjeta' appellanti u r-reazzjoni tal-appellata kienet sforz tal-frustrazzjoni konsegwenza ta' nuqqas ta' kooperazzjoni minn naha tal-persuna li wiegbet it-telefon;

ii. Illi t-Tribunal ma rax l-ebda estremi ta' agir jew diskors offensiv u s-socjeta' appellanti ghalhekk ghandha terfa' r-responsabilita' daqskemm ghandha terfghu l-appellata;

iii. Illi dan kien xhieda ta' nuqqas serju ta' tahrig tal-appellata;

iv. Illi ma kienx jirrizulta li sar diskors offensiv jew agir malizzjuz da parti tal-appellata;

v. Illi l-allegata mgieba hazina u offensiva ma kienet xejn ghajr ghal skuza u dana fid-dawl li sa ftit xhur qabel is-socjeta' appellanti kienet qieghda taghmel pressjoni sabiex tbiddel il-kuntratt ta' impieg tal-appellata liema tibdil kien sejjer jirrizulta f'nuqqas ta' paga;

vi. Illi l-appellata lanqas inghatat possibilita' li tiddefendi ruhha pero' s-socjeta' appellanta strahet fuq rapport ta' parti wahda biss minghajr ma semghet il-verzjoni tal-appellata.

Ir-rikorrenti appellata ghalhekk isottomettiet illi dawn il-kunsiderazzjonijiet kollha elenkati waslu mhux biss sabiex tinstab responsabilita' ta' tkeccija ngusta izda wkoll sabiex b'ekwita' jigi stabbilit kumpens adegwat anke fid-dawl li l-Artikolu 81 (2)(a) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta liema artikolu ma jitkellimx biss dwar danni reali u telfien izda wkoll dwar '*cirkostanzi ohra*'.

6. Rat ix-xiehda, kontro-ezamijiet, dokumenti esebiti u l-atti kollha.

7. Semghet it-trattazzjoni tal-appell tal-partijiet fis-seduta tal-11 ta' Ottubru, 2019 u ddifferiet l-appell ghad-decizjoni ghal-lum.

**Ikkunsidrat;**

**L-aggravju**

8. L-appell interpost huwa specifikatament fuq l-ammont likwidat bid-decizjoni tal-1 ta' Gunju, 2018 fejn bl-appell taghha s-socjeta' appellanti Fortis Limited qieghda titlob unikament illi:

*'…thassarha f'dik il-parti fejn it-Tribunal illikwida kumpens ta' €10,000 u tordna li l-atti jintbaghatu lura lit-Tribunal Industrijali sabiex jillikwida l-kumpens dovut lir-rikorrenti u li ghandu jigi likwidat a bazi tal-Artikolu 81 (2) tal-Kap. 452, bl-ispejjez a karigu tar-rikorrenti.'*

Illi l-aggravju mressaq mis-socjeta' appellanti jitratta jekk il-quantum likwidat huwiex wiehed li jaqa' fil-parametri tal-proviso tal-Artikolu 81 (2)(a) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta u xejn aktar.

9. Illi l-Artikolu 81 (2)(a) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra kif isegwi:

'(2) Meta, fuq ilment magħmul skont l-artikolu 75, it-Tribunal isib li r-raġunijiet għall-ilment ikunu bbażati tajjeb –

(a) f'każi ta' tkeċċija mingħajr kawża ġusta, jekk ma jkunx hemm talba speċifika biex jerġa' jidħol fl-impieg jew jerġa' jiġi impjegat, jew it-Tribunal jiddeċiedi li ma għandux jagħmel ordni biex jerġa' jidħol fl-impieg jew jerġa' jiġi impjegat kif intqal qabel, it-Tribunal għandu jagħti sentenza ta' kumpens, li għandha titħallas mill-prinċipal lil min jagħmel l-ilment, rigward it-tkeċċija:

Iżda, meta jistabbilixxi l-ammont ta' dak il-kumpens it-Tribunal għandu jqis id-danni reali u telfien li jkun bata l-ħaddiem li jkun ġie imkeċċi mingħajr kawża ġusta kif ukoll ċirkostanzi oħra, inklużi l-età u s-snajja tal-ħaddiem li jistgħu jaffettwaw il-potenzjal tal-impieg ta' dak il-ħaddiem;'

10. Illi l-proviso tal-Artikolu 81 (2)(a) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta fir-rigward ta' kif ghandu jigi likwidat l-kumpens, jistabbilixxi li t-Tribunal ghandu jqis zewg fatturi u cioe':

i. Id-danni reali u telfien li l-haddiem ikun bata meta jkun garrab tkeccija ngusta; u

ii. Cirkostanzi ohra, inkluz l-eta' u s-snajja tal-haddiem li jistghu jaffettwaw il-potenzjal tal-impieg tieghu.

11. Fil-kaz prezenti jirrizulta mill-atti li l-appellata Lotta Malmberg kienet tahdem fuq bazi *full-time* bhala *sales person* mas-socjeta' appellanti. Is-socjeta' appellanti kienet tipprovdi servizz ta' *sales persons* bl-uzu tat-telephone lill-kumpanija Akono li kienet topera minn gewwa l-Isvezja billi da parti taghha kienet tipprovdi s-

servizz ta' tindif ta' katusi ta' ventilazzjoni. L-appellata Lotta Malmberg kienet tahdem mid-dar u dana billi taghmel telefonati u thajjar lill-prospettivi klienti sabiex jabbonaw mas-servizz ta' Akono. Is-socjeta' appellanti kienet tipprovdi lill-appellata Lotta Malmberg lista bl-informazzjoni necessarja principalment id-dettalji tas-sid tal-proprjeta' u n-numru tat-telefon sabiex isir kuntatt maghhom. L-appellata kienet taghmel cirka ta' tlett mitt (300) telefonata kuljum u kienet inghatat struzzjonijiet mis-socjeta' appellanti sabiex hija tikkomunika direttament ma' sid il-proprjeta' u hadd aktar bil-ghan li jitnaqqas il-probabilita' li sussegwentament jkun hemm rifjut tas-servizz. Irrizulta li r-rikorrenti giet imkeccija mill-impieg taghha konsegwenza ta' telefonata li hija kellha ma' klient prospettiv bl-isem ta' Fredrik fejn da parti tieghu allega li r-rikorrenti appellata uzat kliem offensiv.

12. Jirrizulta mill-atti li l-appellata sfat imwaqqfa mix-xoghol taghha b'effett mis-27 ta' Jannar, 2017. Mix-xiehda taghha datata l-1 ta' Dicembru, 2017 (a fol. 42 sa fol. 68 tal-process quddiem it-Tribunal Industrijali) jirrizulta li hija sabet impieg iehor ghal nofs Lulju 2017. Dan iffisser li l-appellata damet bla xoghol ghal cirka sitt (6) xhur. Bhala paga bazika mas-socjeta' appellanti hija kellha l-ammont ta' elf u erba' mitt ewro (€1,400) fix-xahar. B'hekk jirrizulta li bhala danni reali u telfien konsegwenza tat-tkeccija ngusta, l-appellata sofriet zgur l-ammont ta' cirka tmint elef u erba' mitt ewro (€8,400). F'dan l-ammont m'hemmx mizjuda l-kommissjonijiet li l-appellata kienet intitolata ghalihom ghal kull negozju li kien jirnexxi. Jirrizulta li bhala kommissjonijiet l-appellata kienet tithallas bir-rata kif stipulat fid-dokument immarkat bl-ittra C anness mal-kuntratt b'dana li l-ammont ta' kommissjoni kien garantit sa tlett mitt ewro (€300) fix-xahar (a fol. 12 tal-process quddiem it-Tribunal Industrijali). Qieghed jigi kkwotat id-dokument C ghal fini ta' kjarezza fejn inghad illi:

> ‘Commission salary for the project Skorstenshantverkaren I Sverige AB (Shisab AB)
>
> 1. Commission of €3-15 is paid for every meeting that is booked and accepted for Shisab. Accepted means that the job has been done. When a cancellation is done commission is not paid.
> 2. 300 euros is guaranteed as commission for a full month (no sick days or leave of any kind) if it’s not reached by the sales agent.
> 3. The Employee understands that these commissions are subject to change according to the requirements of the Employer.’

Il-Qorti ghalhekk tinnota li meta jsir kalkolu matematiku semplici jirrizulta li s-somma akkordata mit-Tribunal Industrijali taqa’ ferm entro l-parametri ta’ dak li kienet tithallas ir-rikorrrenti li kieku nzammet fl-impjieg taghha, dan anki meta wiehed jiehu kont li t-Tribunal fid-decizjoni tieghu ddikjara li ha kont li kellu japplika certu sanzjoni fil-konfront tal-istess rikorrenti appellata. Il-Qorti ghall-kuntrarju ta’ dak espost mis-socjeta’ appellanti fl-aggravju taghha ma taqbilx li d-decizjoni appellata ghal dak li hu kalkolu ta’ kumpens mhijiex ben motivata tant li t-Tribunal stess indika li kien qed jimponi wkoll sanzjoni fil-kalkolu tieghu. Ukoll ma tqisx li d-decizjoni tat-Tribunal b’xi mod ma tiehux kont tal-Artikolu 81 (2) tal-Kap. 452 fl-assjem tieghu nkluz il-‘proviso’ indikat. Il-Qorti, in vista ta’ dan kollu u stante li skont il-ligi il-kalkolu tal-kumpens huwa moghti kompletament fil-poter u diskrezzjoni tat-Tribunal li jkun qed jiddeciedi l-mertu, stante wkoll li mill-atti ma sabet l-ebda raguni gravi jew valida fil-ligi ghalfejn ghandha thassar l-applikazzjoni tad-diskrezzjoni tat-Tribunal fil-kaz *de quo* fil-kalkolu tieghu tal-kumpens, ser tghaddi sabiex tikkonferma d-decizjoni appellata u tichad l-appell odjern.

**<u>Decizjoni</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħad l-aggravju tas-soċjeta' appellanti u tikkonferma d-deċiżjoni appellata fl-ismijiet premessi datata 1 ta' Ġunju, 2018.**

**Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta' appellanti.**

**Onor. Imħallef Dr Joanne Vella Cuschieri**

**Karen Falzon**
**Deputat Reġistratur**